MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
DOREEN CLARKE**

Seduta tad-19 ta' Marzu, 2012

Numru. 162/2012

**Il-Pulizija
[Spettur Jesmond J Borg]**

**vs**

**Nikolay Antonov Soserov**

**Illum 19 ta' Marzu, 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra Nikolay Antonov Soserov ta' 28 il-sena, bin Anton u Tatiana nee Vasilevna, imwieled Russja fit-22 ta' Novembru, 1983, residenti JB Flat 14, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita 72451A.

Akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer fis-17 ta' Marzu, 2012 kif ukoll f'dan l-ahhar xahar qabel din id-data f' hinijiet u f'postijiet diversi madwar Malta;

1) Biegh jew xort' ohra ttraffika l-pjanta Cannabis, kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(e) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis, kollha jew bicca minnha, bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.
3) Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta'l-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f' kaz ta' htija, tordna lill-imputat sabiex ihallas lir-Registratur ta' l-ispejjez kollha jew parti minnhom li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk ta' l-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal ta' l-inkjesta, f' dak iz-zmien u f' dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni ai termini tal-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 8(a)(d)(e) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn l-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a)(d)(e) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tnax (12) il-xahar prigunerija u multa ta' hames mitt Euro (€500) li ghandha tithallas fi zmien sittax (16) il-xahar. In oltre l-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga sekwestrata mill-pulizija a karigu ta' l-ispizjar Godwin Sammut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------